**28 ta' April, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Camilleri

**Ħsejjes Ikkaġunati minn Annimali**

*Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (d) u (m) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jiġu invokati fil-każ ta' ħsejjes ikkaġunati minn annimali. Għal dan l-inkonvenjent hemm disposizzjonijiet oħra fil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija li għandhom jiġu invokati.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva permezz ta' att ta' ċitazzjoni kontra George Camilleri talli (1) b'diversi atti magħmula minnu wkoll fi żminijiet differenti illi jiksru

l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, f'Raħal Ġdid fit-23 ta' Mejju, 1994 u fit-tliet xhur ta' qabel dik id-data bil-lejl kiser il-mistrieħ ta' Maria Rita Galea bi ħsejjes jew b'għajat jew b'mod ieħor (tgergir ta' ħamiem); u (2) talli fl-*14.4.94 għall-ħabta ta' l-4.30 p.m. bi ħsara tad-detentriċi* Maria Rita Galea għamel vjolazzjoni oħra tal-proprjeta`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 1995 li biha dik il-Qorti lliberatu mit-tieni imputazzjoni, iżda sabet l-ewwel imputazzjoni ppruvata, iddikjaratu ħati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 125(2), tieni *proviso* tal-Kap. 10, ikkundanatu għaxar lira ammenda u ordnatlu sabiex fi żmien ġimgħatejn ineħħi l-inkonvenjent (il-ħamiem mill-post *de quo*) taħt penali ta' żewġ liri kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi George Camilleri, minnu ppreżentat fis-27 ta' Jannar, 1995 li bih talab ir-riforma tas-sentenza msemmija billi din il-Qorti tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli, skond hu, il-fatti lilu addebitati bl-ewwel imputazzjoni b'ebda mod ma jistgħu iwasslu għall-ħtija skond l-artikolu 125(2), tieni *proviso* tal-Kap. 10 u li għalhekk, in effetti, huwa nstab ħati ta' reat li qatt ma kien imputat bih. Fuq dan il-punt l-appellant għandu perfettament raġun. L-addebitu kontra l-appellant ma kienx jikkonsisti filli huwa żamm ħamiem minkejja l-oġġezzjoni tal-ġirien, magħmula din l-

oġġezzjoni minħabba mard jew għal xi raġuni tajba oħra, jew inkella li żamm ħamiem minkejja li kien ġie mwissi biex ma jagħmilx hekk mill-Pulizija. Ir-reat li evidentement kien qed jiġi ipotizzat mill-Pulizija Esekuttiva fil-konfront ta' l-appellant kien dak previst fl-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali;

Issa mill-provi mismugħa jirriżulta ċar li l-bażi ta' l-imputazzjoni skond l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 ġiet magħmula tikkonsisti fit-tgergir tal-ħamiem. L-abbli Deputat Avukat Ġenerali, fit-trattazzjoni tiegħu issottometa li l-imputazzjoni tirreferi wkoll għall-ħsejjes magħmula mill-appellant permezz tat-*television*, *radio* u b'mod ieħor, ċjoe` ħsejjes magħmula minnu personalment u mhux minn xi annimali u fil-fatt reġa' pproduċa lil Maria Rita Galea sabiex tixhed dwar dawn il-ħsejjes. Apparti, pero`, li ma jirriżultax kemm qabel Mejju 1994 saru dawn il-ħsejjes mill-appellant permezz tat-*television*, *radio* u b'mod ieħor, jirriżulta li dawn il-ħsejjes l-oħra kien hemm kawża oħra li diġa` ġiet deċiża. Apparti minn dan, hu evidenti, bil-mod kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni, li r-reat skond l-artikolu 338(m) kien qed jiġi ipotizzat li sar permezz tat-tgergir tal-ħamiem u, fil-fatt, meta ħadet il-pedana tax-xhieda l-ewwel darba, din Maria Rita Galea xehdet biss dwar ħsejjes (u ħmieġ) tal-ħamiem. Kif ġie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Lulju, 1988 fl-ismijiet **Il-Pulzijia *vs* Maria Assunta Mangion** (Vol. LXXII.V.935) u fid-diversi sentenzi oħra ċċitati f'dik is-sentenza, id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (dd) u (m) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jiġu invokati fil-każ ta' ħsejjes kkaġunati minn annimali. Għal dan l-inkonvenjent hemm disposizzjonijiet oħra fil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija li għandhom jiġu invokati;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-

sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil George Camilleri mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.